# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta’ April 2025**

**Nru: 3**

**Rikors Nru. 999/2020 HM**

**Christian Borg**

**v**

**Christopher Camilleri,**

**Eletech Limited,**

**Elevgroup Limited u**

**Philip Camilleri**

Kopja informali

**Daħla**

1. L-attur, Christian Borg, jgħid li ordna żewġ lifts mingħand il-konvenuti, jew min minnhom. Jgħid, fir-rikors ġuramentat, li wara li l-konvenuti kienu naqsu milli joqgħodu mal-kuntratt, li l-partijiet kienu ftehmu li kellu jiżdied iż-żmien li fih il-konvenuti kellhom biex jonoraw il-kuntratt b’dan li, fin-nuqqas, il-konvenuti kellhom jħallsu is-somma ta’ €160,000, minbarra penali għad-dewmien. Is-sur Borg jgħid ukoll li missier is-sur Camilleri, Philip Camilleri, kien serraħlu moħħu li hu kien ser jagħmel tajjeb għall-ammont ta’ €160,000.

2. Is-sur Borg jkompli jgħid li l-konvenuti naqsu milli joqgħodu ma’ dan il-ftehim ġdid u, għalhekk, qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuti lkoll flimkien, jew min minnhom, naqsu milli jżommu mal-ftehim u, konsegwentement, dikjarazzjoni li l-konvenuti, jew min minnhom, għandhom jagħtu is-somma ta’ €160,000; u kundanna f’tali sens. Talab ukoll l-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru nru. 1391/2020.

3. Christopher Camilleri jgħid li kien hu li kkuntratta ma' Christian Borg dwar iż-żewġ liftijiet imsemmija fir-rikors ġuramentat; li hu onora l-obbligi kuntrattwali li kien marbut bihom; u li mhux minnu li qatt ftiehem, kif jallega s-sur Borg, li jħallsu €160,000 f'każ ta' nuqqas min-naħa tiegħu. Jgħid li dan l-allegat ftehim hu 'fażull' għaliex hu qatt ma ffirmah; u, għalhekk, ressaq kontro-talba li fiha talab dikjarazzjoni li l-firma tiegħu fuq l-allegat ftehim hi falza u, konsegwentement, dikjarazzjoni li l-istess ftehim hu null u ma jiswiex.

4. Philip Camilleri u l-kumpannija konvenuti jgħidu li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-ftehim li kien intlaħaq bejn is-sinjuri Borg u Christopher Camilleri u li, għalhekk, mhumiex il-leġittimi kontradittur u għandhom jiġi liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Philip Camilleri jgħid ukoll li mhux minnu li hu serraħ moħħ is-sur Borg kif jallega u li, f'kull każ, ftehim ta' garanzija jeħtieġ il-kitba biex ikun jiswa'.

**Kif imxiet il-kawża**

6. Għal raġunijiet li jsiru ċari iktar 'l quddiem, hu utli li jingħata rendikont ta' kif tmexxiet il-kawża, u b'mod partikolari ta' kif mexa l-attur.

7. Wara li l-konvenuti ressqu r-risposta ġuramentata tagħhom u l-kontro-talba, u wara li l-attur wieġeb għall-kontro-talba, inżamm smigħ fit-2 ta' Ġunju 2021. F'dak is-smigħ, l-avukat tal-attur intrabat f'ismu li, sas-smigħ ta' wara, kellu iressaq affidavits u provi dokumentarji. Kellu ukoll, fis-smigħ ta' wara, kellu jressaq provi *viva voce*.

8. Milli kellu jagħmel sas-smigħ ta' wara - skedat għall-10 ta' Novembru 2021 - l-attur m'għamel xejn. Ġara iżda li s-smigħ ma nżammx minħabba f'indispożizzjoni tal-Imħallef. L-istess seħħ fil-25 ta' Marzu 2022. Fis-smigħ tat-8 ta' Ġunju 2022, xehed Luke Milton, impjegat tal-attur jew ta' xi kumpannija tiegħu.[1] Hu ressaq dokumentazzjoni, inkluża kopja ta' kuntratt għal żewġ lifts[2] - kopja li l-awtentiċità tagħha hi ammessa mill-konvenut Christopher Camilleri.[3]

Kopja informali

---

[1] Ara lista tax-xhieda tas-sur Borg, paġna 3
[2] Paġni 27-34
[3] Ara affidavit ta' Christopher Camilleri, para 3, paġna 82

9. Ressaq ukoll dik li tidher li hi kopja tad-dokument li, skont is-sur Borg, kien dak li permezz tiegħu il-konvenuti, jew min minnhom, ftehmu fuq il-ħlas ta’ €160,000; dokument li, skont il-konvenuti, ħadd minnhom qatt daħal għalih, u li kien għalhekk fażull.

10. Għalkemm, kif ingħad, is-sur Milton xehed fit-8 ta’ Ġunju 2022, ix-xhieda ma ġietx rrekordjata minħabba f’problema teknika.[4] Permezz ta’ digriet tal-15 ta’ Settembru 2022, il-qorti ordnat li x-xhieda li nstemgħu fis-8 ta’ Ġunju 2022 jerġgħu jiġu nġunti għas-seduta li kienet tmiss, spejjeż tal-inġunzjonijiet a kariku tar-Reġistratur.[5]

11. Din l-ordni ġiet injorata, għaliex fis-seduta ta’ wara l-attur qal li s-sur Milton kien ser jitressaq mhux dakinhar, imma fis-smigħ ta’ wara. Kellu jitressaq ukoll, fis-smigħ ta’ wara, il-konvenut (preżumibbilment is-sur Camilleri) in subizzjoni. Il-qorti ordnat lill-attur jipprova jeżawrixxi l-provi tiegħu għas-seduta li kienet tmiss.[6]

12. Dik is-seduta ma nżammitx minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef. Fis-seduta ta’ wara, il-qorti ordnat li jixhed Christopher Camilleri, iżda ma nstemax għaliex ma kienx liebes kif jixraq. Il-qorti ordnat ukoll li, għas-seduta ta’ wara, kellu jixhed l-imsemmi Luke Milton.[7]

13. Il-kawża kellha terġa’ tinstema’ fil-11 ta’ Novembru 2023. B’effett mit-2 ta’ Novembru 2023, kien hemm bidla fl-assenjazzjoni ta’ din il-kawża (fost oħrajn).[8] Minħabba f’hekk is-smigħ ma seħħx, iżda l-qorti tat ordni kamerali, fil-11 ta’ Diċembru 2023, dwar it-tmexxija tal-kawża.[9] Fiha l-attur ntalab jgħid xi provi kien għad fadallu, u liema minnhom setgħu jitressqu b’affidavit. L-informazzjoni kellha tasal għandi il-qorti sas-16 ta’ Frar 2024. Ukoll, jekk kien għad fadal provi dokumentarji, dawn (kif definiti) kellhom jitressqu mill-attur sas-16 ta’ Frar 2024.[10]

Kopja informali

[4] Ara n-nota tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, f’paġna 52
[5] Ara paġna 51. Għalkemm id-digriet jitkellem dwar xhieda, mill-verbal jidher li xehed Luke Milton biss.
[6] Ara verbal tal-11 ta’ Novembru 2022, paġna 54
[7] Ara verbal tat-12 ta’ Ġunju 2023, paġna 56
[8] Ara paġni 57-70
[9] Ara paġni 71-72
[10] Setgħu jitressqu bħala kopji awtentiċi, b’dan li jekk kien ser ikun hemm kwistjoni dwar awtentiċità, il-kwistjoni kellha tiġi ndirizzata ‘l quddiem.

14. Għas-seduta tal-20 ta' Frar 2024 l-attur u l-avukat tiegħu ma dehrux.[11] Il-qorti osservat li l-ordni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2023 kienet ġiet injorata u għalhekk iddikjarat l-istadju tal-provi dokumentarji tal-attur magħluqa. Iżda xorta tatu l-opportunità li jressaq affidavits (bla dokumenti) sal-15 ta' Marzu 2024. Qalet (fost affarijiet oħra) li l-istadju tal-provi tiegħu kellu jitqies magħluq f'dik id-data.

15. Fil-5 ta' Marzu 2024, l-avukati li kienu qed jirrappreżentaw lis-sur Borg, irrinunzjaw għall-kariga li kellhom f'din il-kawża.[12]

16. Sal-15 ta' Marzu 2024 l-attur ma ressaq ebda prova oħra.

17. Fit-13 ta' Mejju 2024, il-konvenuti ressqu l-affidavits u l-provi dokumentarji tagħhom. Dan kien jumejn qabel ma skada ż-żmien lilhom mogħti.[13] Qalu ukoll li kien jonqoshom iressqu lil ċertu Damion Camilleri u li riedu li ssir allegazzjoni tal-atti fir-rikors 1011/2020 għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1391/2020.

18. Għas-smigħ tal-4 ta' Ġunju 2024 deher għas-sur Borg l-avukat Zerafa. Waqt dan is-smigħ, ġiet (bil-qbil tas-sur Borg) ordnata l-allegazzjoni tal-atti tar-rikors imsemmi fil-paragrafu ta' qabel, u ġie mogħti żmien biex jitressaq affidavit tas-sur Damion Camilleri. Ukoll, il-qorti ġiet mgħarrfa li s-sur Borg kien bi ħsiebu li jressaq talba biex jitħalla jressaq iżjed provi.

19. L-affidavit tas-sur Damion Camilleri tressaq fit-30 ta' Awwissu 2024, qabel l-egħluq taż-żmien mogħti lill-konvenuti għalhekk.

20. It-talba tas-sur Borg biex iressaq iżjed provi tressqet fis-17 ta' Settembru 2024.[14] Il-konvenuti rrispondew għaliha fl-24 ta' Settembru 2024 u l-qorti ċaħdet it-talba waqt is-smigħ tal-4 ta' Ottubru 2024 għar-raġunijiet hemm mogħtija.[15]

[11] Ara verbal, paġna 74
[12] Ara paġna 76
[13] Ara verbal, paġna 74
[14] Ara paġni 140-141
[15] Paġna 146

Kopja informali

21. Għalhekk, il-provi li kienu ressqu l-partijiet kienu magħluqa u kien jonqos biss, mill-lat probatorju, li jiġu ttestjati. Iżda l-attur ma talabx li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-konvenuti. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti ma kellhom ebda kontro-eżami x'jagħmlu għaliex l-ebda xhud ma tressaq; jew, biex inkunu iktar preċiżi, għaliex ix-xhud li tressaq, Luke Milton, ma reġax tressaq wara li rriżulta li x-xhieda tiegħu ma kinitx ġiet irrekordjata.

22. Minflok il-partijiet talbu u ngħataw permess li jressqu noti ta' osservazzjonijiet, l-attur sad-29 ta' Novembru 2024 u l-konvenuti sal-31 ta' Jannar 2025.

23. L-attur ma ressaqx in-nota tiegħu sad-data li talab hu stess. Minflok ressaqha, mingħajr ma talab estensjoni taż-żmien u, għalhekk, mingħajr awtorizzazzjoni, fl-10 ta' Jannar 2025. Minħabba f'hekk, ingħata digriet fl-24 ta' Marzu 2025 sabiex din in-nota titneħħa mill-atti.

24. Il-konvenuti ressqu n-nota tagħhom fis-27 ta' Diċembru 2024.

**Nuqqas ta' prova tal-ftehim li fuqu jistrieħ l-attur**

25. Meta l-attur ġie mgħarraf bir-risposta ġuramentata tal-konvenuti u bil-kontro-talba ta' Christopher Camilleri, hu ġie formalment mgħarraf li l-konvenuti kienu qed jgħidu li d-dokument - li, skont l-attur, kienet l-iskrittura privata bejn is-sur Borg u s-sur Christopher Camilleri li fuqha tistrieħ il-kawża - ma kinitx tiswa għaliex Christopher Camilleri qatt ma ffirmaha. (Jista' jkun ukoll li l-attur kien jaf, qabel ma ġie notifikat kif intqal, b'din il-pożizzjoni tal-konvenuti. Dan seta' kien jafu mill-atti tar-rikors 1011/2020 fejn hemm nota ġuramentata tad-29 ta' Diċembru 2020 f'dan is-sens.[16])

[16] Paġna 58 tal-proċess 1011/2020



Kopja informali

26. Fid-dawl tal-pożizzjoni tal-konvenuti, kien għall-attur li jagħmel il-prova li kienet teżisti l-iskrittura li fuqha tistrieħ l-azzjoni.[17] Li kieku għamel din il-prova, u li kieku dik il-prova kienet skrittura li dehret li kienet iffirmata mis-sur Camilleri, allura l-oneru tal-prova kienet iddur fuq is-sur Camilleri biex juri li l-firma, li tidher li hi tiegħu, fil-fatt kienet ġiet iffalsifikata.[18]

27. Iżda minkejja, kif rajna, li s-sur Borg ingħata ħafna opportunitajiet – wisq iżjed, fil-verità, milli seta' jingħata skont il-Kap. 12[19] – hu baqa' ma ressaqx l-aħjar prova li seta' jressaq. Kull ma ressaq hi kopja tad-dokument li hu jgħid li hi l-iskrittura in kwistjoni.[20] Hu possibbli, iżda dan ma nistgħux inkunu nafuh, li l-awtenticità tal-kopja ġiet ikkonfermata minn Luke Milton meta xehed; iżda billi ma reġax tressaq mill-attur, dan ma nafuhx. F'kull każ, anki jekk dan sar, ma kienx jikkostitwixxi l-aħjar prova li l-attur seta' jressaq, għaliex, fid-dawl tal-pożizzjoni tal-konvenuti, din il-prova kellha tkun l-oriġinal ta' dik li hi, suppost, l-iskrittura li fuqha tistrieħ l-azzjoni. Dan għaliex it-tali skrittura m'hijiex dokument li skont l-artikolu 636 tal-Kap. 12, tista' tiġi ppreżentata bħala kopja awtentikata, u li meta tiġi ppreżentata bħat-tali, tiswa daqs l-oriġinal. Jiżdied għall-kompletezza li l-attur imkien ma allega li l-oriġinal ma kienx f'idejh, imma li kien f'idejn il-konvenuti, jew min minnhom (f'liema każ kellu jinġunġi lilhom biex jressquh).

28. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-konvenuti ma kellhom għalfejn jgħidu xejn. Wisq anqas ma kien jinkombu fuqhom li juru li l-firma fuq is-suppost dokument kienet falsifikata għaliex, kif rajna, dak id-dokument ma tressaqx. L-oneru kien jinqaleb fuqhom li kieku saret dik il-prova u li kieku d-dokument kien, fid-dehra, iffirmat mis-sur Christopher Camilleri.

Kopja informali

[17] Dan apparti, naturalment, il-provi l-oħra li kellu jressaq.
[18] Li l-oneru jista' u ġieli jinqaeb hi funzjoni tar-regola probatorja li kull min jallega fatt irid jippruvah. Dan ifisser li l-assunzjoni (fejn ma jkunx hemmx inverżjoni, bħal fil-każ ta' preskrizzjoni) li l-provi l-ewwel isiru mill-attur u wara mill-konvenut mhix dejjem tajba. Jekk il-konvenut jittenta jipprova fatt hu stess, allura l-attur irid jitħalla jippreżenta prova kuntrarja għaliha wara li l-konvenut ikun ressaq il-prova tiegħu dwarha. Dwar kif u meta l-prova tinqaleb ara Kollezz. Vol XXXVII.i.577.
[19] L-artikolu 106 hu tassattiv dwar termini ġudizzjarji. Jekk il-kondizzjonijiet imfissra fih biex żmien jiġi miżjud, idejn il-qorti huma marbuta. L-istess jrid jingħad dwar ir-regolament 10 tal-LS 12.09, li jgħid għal liema raġunijiet jista' jingħata differiment; u li ma jistax jingħata ħlief meta teżisti xi waħda minn dawk ir-raġunijiet. Kif jidher mir-rendikont mogħti aktar 'l fuq hu kellu, in effett, mit-2 ta' Ġunju 2021 sas-16 ta' Frar 2024 biex iressaq id-dokumenti li ried jistrieħ fuqhom; u sal-15 ta' Marzu 2024 biex iressaq affidavits.
[20] Paġna 42

29. Iżda l-konvenuti xorta dehrilhom – u l-qorti tifimhom - li kellhom jindirizzaw il-kwistjoni, u ressqu l-provi tagħhom. Fl-affidavit tiegħu, Christopher Camilleri jgħid li d-dokument in kwistjoni – jew aħjar il-kopja tiegħu, jekk hi kopja –

> ... huwa dokument kollu kemm hu fabbrikat u jien qatt ma ffirmajtu u l-anqas kont naf bih. Sirt naf bih biss f'din il-kawża u dak mhux jien iffirmajtu;
>
> ... dak kontenut fil-kuntratt ma jagħmel l-ebda sens u jien qatt ma kont ser naċċetta xi ħaġa bħal dik. Dak il-kuntratt ġie fabrikat sabiex Borg ikollu fuq xiex jipproċedi kontra tiegħi u jagħmilli l-ħsara bis-sekwestru li għamilli;[21]

30. L-attur għażel li ma jagħmel l-ebda kontro-eżami ta' Christopher Camilleri, bil-konsegwenza ta' dak l-għażla tkun li l-verżjoni tas-sur Camilleri ma tistax issa tiġi attakkata.[22]

31. Jiżdied li anki kieku, għall-grazzja tal-argument, il-qorti setgħet tqis id-dokument li tressaq mill-attur bħala prova, jidher mad-daqqa t'għajn li l-firma tas-sur Christopher Camilleri kif tidher fuqu m'għandha x'taqsam xejn mal-firma tas-sur Camilleri kif tidher fuq il-kuntratt li l-partijiet jaqblu li ġie ffirmat.[23] Għalhekk, id-dokument li fuqu jistrieħ is-sur Borg lanqas f'dan ir-rigward ma jilħaq il-grad ta' prova meħtieġa minnu biex l-oneru jdur fuq is-sur Christopher Camilleri biex jipprova l-falsifikazzjoni; għaliex id-dokument ma jidhirx li hu ffirmat minnu.

32. Dan hu impliċitament aċċettat mis-sur Borg meta, fir-risposta ġuramentata tiegħu għall-kontro-talba qal li

> ... jekk kemm-il darba jirriżulta illi l-konvenut rikonvenzjonanti Christopher Camilleri għamel firma fuq tali skrittura privata illi ma taqbilx mal-mod kif solitament jiffirma, dan la jfisser li l-firma hija falza u lanqas ifisser illi l-iskrittura hija nulla u/jew ma tiswiex iżda ifisser illi b'ħażen huwa ipprova jqarraq bl-esponenti ank f'dan ir-rigward biex ikompli jevadi l-obbligi minnu assunti fil-konfront ta' l-esponenti;[24]

[21] Ara affidavit, para. 12-13, paġni 82-84
[22] Ara l-ġurisprudenza msemmija f'*George Grech et v Steven Micallef et*, Prim'Awla, deċiża 7 ta' Jannar 2025
[23] Ara l-firem fuq paġni 28 u 42. It-tqabbil f'dan il-każ mhux diffiċli (ara artikolu 635(e) tal-Kap. 12). Anki n-numru tal-karta tal-identità hu ħażin.
[24] Risposta ġuramentat għall-kontro-talba, para. 4, paġni 20-21



Kopja informali

33. Dan li jgħid hawn l-attur hu possibbli (anki jekk bil-wisq improbabbli). Imma jekk ried jagħmel dan il-każ kellu jagħmel il-prova li, minkejja d-dehra, kien is-sur Camilleri li ffirma d-dokument. Fl-artikolu 635 tal-Kap. 12, jiġu indikati diversi mezzi ta' kif tista' tiġi vverifikata l-kitba ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument. L-ebda minnhom ma saru mir-rikorrent. Anki dan hu impliċitament rikonoxxut minnu meta, fir-risposta, qal li kien ser jressaq prova li s-sur Camilleri iffirma l-ftehim fil-presenza ta' xhieda: Thorne Mangion u Luke Milton.[25] Dan ukoll m'għamlux.

34. Il-kawża hi għalhekk, kif jingħad bl-Ingliż, *hopeless* u l-qorti m'għandhiex għalfejn tkompli tqis il-provi dwar l-aspetti l-oħra tagħha, u lanqas m'għandha għalfejn tqis il-konsiderazzjonijiet li jolqtu lill-kumpanniji u lil Philip Camilleri, jew il-kontro-talba.

35. Din il-kawża għalhekk tieqaf hawn. Iżda dan ma jfissirx li l-kwistjoni għandha tieqaf hawn. Jekk mhix diġa qed issir, għandha ssir investigazzjoni biex jinstab l-oriġinal tal-kopja (jekk hi kopja) f'paġna 42, jinstab min iffirmah, u jsiru investigazzjonijiet oħra minn hemm.

Jista' ukoll jitqies, mill-konvenuti, hemmx x'jista' isir ċivilment, għalkemm dan jista' jkun problematiku minħabba fid-deċiżjoni li ngħatat dwar dak mitlub fir-rikors 1011/2020. Il-konvenuti kienu lmentaw dwar mandat ta' sekwestru li l-attur kien talab u ngħata għal €160,000. Talbu li jew jitneħħa u li l-attur jiġu kkundannat iħallas penali u danni; jew, fin-nuqqas, li jingħataw garanzija għad-danni u penali.

36. It-talbiet ġew miċħuda fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza magħrufa - mhux biss lill-avukatura[26] - li tiżgura li min ikun vittma ta' aġir bħal tal-attur jibqa' mingħajr rimedju; u li min jaġixxi bħall-attur igawdi minn impunità.

37. F'kull sistema ta' dritt (kemm ta' tradizzjoni ċivilista u tal-*common law*) li tagħha għandu ftit għarfien l-Imħallef li qed jippresjedi, min jitlob miżura kawtelatorja irid jiġġustifikaha skont kriterji oġġettivi: bħal ma jsir meta jintalab mandat ta' inibizzjoni. Is-sistema tagħha, li tħalli li miżura tinkiseb kważi awtomatikament fuq ir-responsabbiltà ta' min jitlobha

[25] *Ibid.*, para. 2
[26] Ara paġni 105-106, fejn hemm skambji li juru li l-attur kien stqarr li kien ser jagħmel mandat għal €500,000 biex isallab (fi kliem iktar ikkulurit) lill-konvenut u lil missieru (li daħħlu fl-istorja għaliex, skont l-attur, hu biss kellu biex iħallas). Kif jidher rnexxielu jagħmel dan kollu mingħajr konsegwenzi, għall-inqas s'issa.



Kopja informali

(ħlief, kif ingħad, fl-inibizzjonijiet), tidher pjuttost unika. Għalhekk kien jingħad, f'ġurisprudenza ta' dari, li l-mandati kawtelatorji huma partikolarment odjużi.[27]

38. Il-leġislatur għamel attentat li joħloq ftit bilanċ meta, bl-emendi għall-Kap. 12 tal-1995, daħħal l-artikolu 836. Iżda, kif juri dan il-każ, u ħafna oħrajn bħalu, kien kważi kollu għal xejn. Min jinħareġ mandat kontrih irid miraklu biex jitneħħa, u ieħor biex jieħu rimedju f'danni, jew li jiġi imposti penali. Naturalment, ta' xejn jitlob sigurtà għal dak li, kważi żgur, mhux ser jiġi rikonoxxut lilu.[28]

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet tal-attur, u tieqaf milli tqis it-talbiet tal-konvenut Christopher Camilleri fil-kontro-talba tiegħu.

L-ispejjeż iħallashom l-attur, inklużi dawk tal-kontro-talba; tal-mandat ta' sekwestru 1391/2020, u tar-r-rikors 1011/2020.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[27] Ara *Cassar Pullicino noe v Micallef Stafrace noe*, Qorti tal-Kummerċ, deċ. 13 ta' April 1991 u l-ġurisprudenza hemm imsemmija.
[28] Min ma jemminx li l-mirakli jsiru m'għandux esperjenza tal-qrati tagħna: ara *Magro v Vella pro et* noe, Prim' Awla, deċ. 11 ta' Awwissu 2022; u *Valenzia noe v Berger*, Prim'Awla, deċ. 12 ta' Diċembru 2024, appellata.



Kopja informali